# SUNETT

LIL ĦABIBI E. M.

....cosí parlava; e riverente e cheto
abbassò l'altro le pupille, e disse:
*Giusto e mite, o Signor, è il tuo decreto.*
V. MONTI

Mhux għax b'fehmtek ma ntbaħtx, li mistoħbija
qagħdet ! Għaliex f'għajnejk jien rajt miktub
il-qerq; u mbiegħda kienet l-irġulija
li torbot f'għoqda ta' żewġ ħbieb, il-qlub !

Ħallejt tweżwiż id-Dgħul fik jgħawwar, ħija,
għammadlek moħħok....! u biex tista' ddub
qalbek imxennqa xeħet fuqek dija
fuq tal-Mammuna l-ġmiel ! !—Int kont mitlub

li twassal żewġ fehmiet flimkien u ssinnhom,
sabiex b'għaqalhom jiksbu l-ħajja annuna
u jirqmu u jżidu mjielhom għalenija !

—Kont taf bil-ħjiena int ta' wieħed minnhom
u ma ftaħtx għajnejn ħuk !.... iżda huwa nduna !
Għax Alla qatt ma jħalli ruħ merħija.

R. M. B.

26 - 4 - 1937.